



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10161/23

SAN 346
PHARM 91
COVID-19 23
JAI 782
POLGEN 51
FRONT 197
FREMP 175
IPCR 41
VISA 122

MI 479
TRANS 226
COCON 36
COMIX 278
SCHENGEN 26
AVIATION 114
RELEX 683
TOUR 22

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 296 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar is-sħubija fin-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali stabbilit mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u dwar arranġamenti temporanji biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar internazzjonali fid-dawl tal-iskadenza tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 296 final.

Mehmuż: COM(2023) 296 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.6.2023
COM(2023) 296 final

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar is-sħubija fin-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali stabbilit mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u dwar arranġamenti temporanji biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar internazzjonali fid-dawl tal-iskadenza tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19¹, kien element kruċjali fir-rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19. L-adozzjoni u t-tnedija rapida tiegħu ppermettew li-ċittadini tal-Unjoni jiċċaqalqu liberament u bla periklu waqt il-pandemija u kifukoll li l-qasam tal-ivvjaġġar Ewropew ikun jista' jiftaħ fi żmien tajjeb għas-sajf tal-2021.

Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE rriżulta li kien suċċess kbir fl-isforzi tal-Ewropa biex tindirizza u ttaffi l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-soċjetajiet u l-ekonomiji. Dan iċ-ċertifikat malajr sar l-istandard għall-Ewropa u lil hinn minnha, b'51 pajjiż terz u territorju konnessi mas-sistema² flimkien mas-27 Stat Membru³. B'aktar minn żewġ biljun ċertifikat maħruġin, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ta benefiċċji kbar li-ċittadini u r-residenti tal-UE: Iċ-ċertifikat iffaċilita l-moviment liberu fl-Unjoni fi żmien meta r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar kienu meqjusa meħtieġa minħabba l-pandemija u ppermetta wkoll it-tneħħija kkoordinata ta' dawn ir-restrizzjonijiet ladarba sar possibbli. Permezz tad-dimensjoni esterna tiegħu, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE wera wkoll li huwa l-aktar soluzzjoni u għodda użata b'mod wiesa' għall-promozzjoni tal-ivvjaġġar internazzjonali sikur u tal-irkupru fuq livell globali. Il-pajjiżi terzi u t-territorji kollha li joħorġu ċertifikati koperti minn deċiżjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikoli 3(10) jew 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 jaċċettaw iċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE meta jirrikjedu lill-vjaġġaturi li jkunu deħlin jagħtu prova tal-istatus tagħhom tat-tilqim, tal-ittestjar jew tal-fejqan fir-rigward tal-COVID-19.

F'Ġunju 2022, il-koleġiżlaturi estendew ir-Regolament (UE) 2021/953 b'sena biex jiżguraw li l-vjaġġaturi jkunu jistgħu jkomplu jużaw iċ-ċertifikati tagħhom jekk is-sitwazzjoni epidemjoloġika tmur għall-aġar ħafna tant li jkun meħtieġ li l-Istati Membri jergġu jintroduċu temporanjament ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar fl-UE.

Ir-Regolament (UE) 2021/953 għandu jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2023. Minħabba n-nuqqas attwali ta' kwalunkwe restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar fl-UE, u meta jitqies li l-kuntest

¹ ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1. Dan ir-Regolament huwa akkompanjat mir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24), li jestendi l-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru, u li huma intitolati jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

² Il-konnessjoni ta' tali pajjiżi terzi mal-gateway ta' interoperabbiltà tal-qafas ta' fiduċja stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/953 (il-“Gateway tal-UE”) tirriżulta minn deċiżjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 3(10) jew 8(2) ta' dak ir-Regolament. Dawn id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni mhumix bażi ġuridika għall-użu taċ-ċertifikati tal-UE f'pajjiż terz (jew għall-ivvjaġġar lejn pajjiż terz).

³ Minħabba r-rilevanza tiegħu għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ġie inkorporat f'dak il-ftehim u bħala tali japplika wkoll għall-Iżlanda, għal-Liechtenstein u għan-Norveġja (Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 187/2021 tat-30 ta' Ġunju 2021 li temenda l-Anness V (Moviment liberu tal-ħaddiema) u l-Anness VIII (Dritt ta' stabbiliment) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ĠU L 124, 8.5.2008, p. 20)).

epidemjoloġiku wassal lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) biex fil-5 ta' Mejju 2023 tiddikjara li l-COVID-19 ma jibqax jirqies bħala emerġenza tas-saħħa pubblika ta' tħassib internazzjonali, ir-Regolament ma jistax jibqa' jaqdi l-oġettiv iddikjarat tiegħu u, b'konsegwenza ta' dan, l-estensjoni tiegħu ma tkunx ġustifikata..

Is-suċċess taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE li ppermetta l-moviment liberu u l-ivvjaġġar saħansitra fiċ-ċirkostanzi diffiċli tal-pandemija għandu tagħlimiet għall-futur. L-Unjoni għamlitha prijorità li tiżviluppa l-politiki u l-għodod meħtieġa biex tkun imħejjija aħjar għal kriżijiet tas-saħħa futuri. Il-benefiċċji tal-użu ta' soluzzjonijiet diġitali biex jittaffa l-impatt tal-mard komunikabbli fuq il-kapaċità taċ-ċittadini u tan-negozji li jivvjaġġaw huwa element fundamentali ta' din it-thejjija⁴. Il-benefiċċji ta' din it-tħejjija issa qed jittieħdu fil-livell globali.

F'dan ir-rigward, id-WHO qed tiżviluppa network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali, li jadotta l-qafas ta' fiduċja, il-prinċipji u t-teknoloġiji miftuħa taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE fl-ambitu tal-istruttura tiegħu stess. Biex jiġi żgurat li ċ-ċertifikati użati madwar id-dinja jkomplu jkunu verifikabbli meta jkun meħtieġ anke wara l-iskadenza tar-Regolament (UE) 2021/953, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jissieħbu fin-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO hekk kif dan isir disponibbli biex jiġi appoġġat l-użu tat-teknoloġija u tal-ispeċifikazzjonijiet Ewropej għaċ-ċertifikati tal-COVID-19 f'infrastruttura globali.

Fl-20 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jappellaw lill-Kummissjoni biex “tesplora l-valur miżjud ta' verżjoni diġitali taċ-ċertifikati tat-tilqim, filwaqt li tqis l-esperjenzi ta' infrastrutturi diġitali Ewropej u għodod eżistenti oħra, bħaċ-Ċertifikat Internazzjonali tat-Tilqim jew Profilassi”⁵. In-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali li qed jiġi stabbilit mid-WHO, bil-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE fil-qalba tiegħu, qed jiffassal biex jippermetti l-interoperabbiltà u l-verifika globali ta' tali ċertifikati. Għalhekk jenħtieġ li jipprovdi soluzzjoni globali għall-appell li sar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill.

In-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO se jipprovdi wkoll opportunità importanti biex l-esperjenza miksuba matul il-pandemija tal-COVID-19 tintuża biex tgħin jittaffa l-impatt ta' kriżijiet tas-saħħa futuri. L-iżvilupp ulterjuri tiegħu huwa mistenni li jippermetti lill-Istati Membri jkunu involuti fil-ħruġ, fl-aċċettazzjoni, fil-verifika, kif ukoll fl-użu tan-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali għad-diġitalizzazzjoni taċ-Ċertifikat Internazzjonali tat-Tilqim u Profilassi, jekk dan jiġi kkonfermat bl-adozzjoni ta' emendi għar-Regolament Internazzjonali dwar is-Saħħa (IHR)⁶. In-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO jista' jintuża wkoll b'appoġġ għad-diġitalizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-awtentikità tar-rekords ta' immunizzazzjoni ta' rutina kif ukoll għal każijiet futuri oħra ta' użu fis-saħħa diġitali. Tali żviluppi futuri possibbli – li jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 u mis-suċċess internazzjonali taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE – jikkostitwixxu kontributi kbar għall-aġenda globali tas-saħħa.

⁴ Rakkomandazzjoni 3 – Tħejjija tal-għodod rilevanti tal-UE għal kriżijiet futuri: Ir-[Rapport Speċjali 01/2023](#) tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: [“Għodod li jiffaċilitaw l-ivvjaġġar ġewwa l-UE” \(europa.eu\)](#)

⁵ Konklużjonijiet dwar it-tilqim bħala waħda mill-aktar għodod effettivi għall-prevenzjoni tal-mard u t-titjib

tas-saħħa pubblika (ĠU C 484/18, 20.12.2022, p. 18)

⁶ Report of the Review Committee regarding amendments to the International Health Regulations (2005). 6 ta' Frar 2023 https://apps.who.int/gb/wgihp/pdf_files/wgihp2/A_WGIHR2_5-en.pdf

Fuq terminu qasir ħafna, għadd limitat ta' pajjiżi madwar id-dinja⁷ għadhom jeħtieġu prova tat-tilqim, tat-testijiet u/jew tal-irkupru fir-rigward tal-COVID-19 bħala kundizzjonijiet għaddħul. Is-sitwazzjonijiet fejn ċittadin jew resident tal-Unjoni jintalab juri ċertifikat tal-COVID f'pajjiż terz u ma jistax faċilment jipprovdi wieħed minħabba li s-sistema ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ma għadhiex funzjonali, jenħtieġ li jiġu evitati, peress li dan jirrappreżenta limitazzjoni għall-ivvjaġġar internazzjonali bi kwalunkwe mezz ta' trasport. Bħalissa huwa diffiċli li jiġi vvalutat għal kemm żmien dawn il-pajjiżi se jibqgħu jżommu tali rekwiżiti tad-dħul relatati mal-COVID-19, inkluż lil hinn mill-1 ta' Lulju 2023. Peress li għadu inċert kif se tiżviluppa s-sitwazzjoni epidemjoloġika, lanqas ma jista' jiġi eskluż li xi pajjiżi minn fost il-51 pajjiż terz u territorju li bħalissa huma konnessi ma' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jistgħu jimponu mill-ġdid xi rekwiżiti tal-ivvjaġġar, filwaqt li anke pajjiżi oħra barra minn din is-sistema jistgħu jżommu jew jimponu mill-ġdid xi rekwiżiti speċifiċi tad-dħul.

Għalhekk huwa mixtieq li ċ-ċittadini u r-residenti tal-Unjoni li jivvjaġġaw barra mill-Unjoni jibqa' jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom mezz biex jagħtu prova tal-istatus tagħhom fir-rigward tal-COVID-19, kull meta jintalbu speċifikament għall-ivvjaġġar barra mill-Unjoni wara l-1 ta' Lulju 2023. Barra minn hekk, iċ-ċittadini u r-residenti tal-Unjoni jenħtieġ li jibbenefikaw mid-disponibbiltà ta' tali ċertifikati biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura.

Fil-prattika, iċ-ċertifikati COVID Diġitali tal-UE ma ntużawx biss għal skopijiet ta' vvjaġġar, iżda ntużaw anke mis-servizzi tas-saħħa, għall-finijiet tal-kontinwità tal-kura, bħat-tilqim transfruntier. Iċ-ċertifikati tat-tilqim maħruġa minn Stat Membru wieħed li juru t-tilqim tal-passat jistgħu, pereżempju, jintużaw minn ħaddiema tas-saħħa fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz sabiex jamministraw doża konsegwenti. Bl-istess mod, iċ-ċertifikati tal-fejqan kienu utli wkoll biex jipprovdu informazzjoni dwar infezzjonijiet preċedenti tal-COVID-19.

Barra minn hekk, peress li ma tistax tiġi eskluża l-possibbiltà li jerġgħu jibdew jiżdiedu l-każijiet tal-COVID-19 jew li sseħħ tifqigħa ta' xi marda oħra fi kwalunkwe parti tad-dinja, fil-futur, Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jintroduċu miżuri ġodda tas-saħħa pubblika li jillimitaw id-dħul fit-territorju tagħhom ta' persuni li jivvjaġġaw minn pajjiżi terzi. Sabiex jiġi żgurat li t-tħassib dwar is-saħħa pubblika li jiġġustifika tali miżuri jiġi indirizzat b'mod adegwat, jenħtieġ li l-Istati Membri jkun jistgħu jkomplu jiddependu fuq ċertifikati maħruġa minn pajjiżi terzi f'konformità mat-teknoloġija u l-istandards sottostanti għas-sistema ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

Għalhekk huwa mixtieq li, jekk l-Istati Membri jintroduċu tali miżuri ġenerali tas-saħħa pubblika minħabba li jerġgħu jibdew jiżdiedu l-każijiet tal-COVID-19⁸, huma jkollhom il-qafas meħtieġ biex ikomplu jaċċettaw ċertifikati maħruġa minn pajjiżi terzi li s-sistemi tagħhom ikunu interoperabbli ma' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

Huwa importanti li tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-Istati Membri mill-konnessjoni mal-Gateway tal-UE stabbilita fil-qalba tal-qafas ta' fiduċja ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għall-konnessjoni man-network globali ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO. Għalhekk, iż-żewġ sistemi jistgħu joperaw b'mod parallel għal perjodu ta' żmien limitat (3 xhur). Biex tiġi żgurata l-verifikabbiltà ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE matul il-perjodu

⁷ Minn Mejju 2023, jidher li tliet pajjiżi konnessi mal-Gateway tal-UE għad għandhom fis-seħħ xi restrizzjonijiet relatati mal-COVID (l-Indoneżja, il-Filippini u t-Togo). Barra mill-kuntest ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, iċ-Ċina wkoll għadha qed iżżomm fis-seħħ ir-rekwiżiti tal-ittestjar.

⁸ Dwar l-approċċ rakkomandat jekk dan ikun meħtieġ, ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2548 tat-13 ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat għall-ivvjaġġar lejn l-Unjoni matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 146).

ta' tranżizzjoni, il-kjavi pubbliċi tal-pajjiżi u t-territorji konnessi mal-Gateway tal-UE se jkunu disponibbli fin-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO. Għal dak l-għan, huwa propost li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jġeddu l-kjavi pubbliċi tagħhom qabel it-30 ta' Ġunju 2023, u, wara l-konnessjoni man-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO, iżommu ż-żewġ sistemi sinkronizzati sat-30 ta' Settembru 2023. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni beħsiebha tkompli tiffinanzja l-operat tal-Gateway tal-UE permezz tal-Programm Ewropa Diġitali għall-perjodu tranżitorju.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Fid-dawl tal-iskadenza tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rakkomandazzjoni proposta sservi biex tiffaċilita u tneħħi l-ostakli għall-ivvjaġġar internazzjonali u biex tippromwovi l-prontezza tal-Istati Membri, jekk dawn ikunu meħtieġa jimponu miżuri tas-saħħa pubblika mad-dħul fit-territorju tagħhom ta' persuni li jivvjaġġaw minn pajjiżi terzi skont l-approċċ rakkomandat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2548.

Fl-istess ħin, ir-rakkomandazzjoni proposta tikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura f'kuntatti transfruntiera (inkluż ma' pajjiżi terzi) u biex jiġi evitat it-tixrid tal-COVID-19 billi tħeġġeġ il-ħruġ kontinwu taċ-ċertifikati tal-COVID-19 wara l-iskadenza tar-Regolament (UE) 2021/953 fit-30 ta' Ġunju 2023.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din ir-rakkomandazzjoni hija konformi ma' politiki oħra tal-Unjoni, inklużi dawk li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet esterni.

Fit-3 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal Regolament dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa⁹, li l-Artikolu 13 tiegħu jipproponi l-possibbiltà li jiġu pprovduti servizzi supplimentari permezz ta' Saħhti@UE (MyHealth@EU) li jiffaċilitaw l-iskambju jew il-verifika tas-sistemi taċ-ċertifikati tas-saħħa diġitali. Dawn is-servizzi supplimentari jenħtieġ li jistinkaw għall-interoperabbiltà mas-sistemi stabbiliti fuq livell internazzjonali. Din ir-Rakkomandazzjoni ssegwi l-istess għan.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 168(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprevedi bażi għall-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tas-saħħa pubblika, u l-Artikolu 292 tat-TFUE flimkien mal-Artikoli 91 u 100(2) tat-TFUE, li jipprevedu bażi għall-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tat-trasport.

Il-ksib ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem se jibbenefika mill-miżuri rakkomandati relatati mal-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet jew tal-fejqan minn pajjiżi terzi u mal-konnessjoni man-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO. Dawn il-miżuri jikkontribwixxu biex tiġi indirizzata t-tħejjija tas-saħħa pubblika f'każ li jerġgħu jibdedu l-każijiet tal-COVID-19.

Barra minn hekk, l-ivvjaġġar internazzjonali u l-forniment bla xkiel ta' servizzi tat-trasport internazzjonali bis-saħħa tad-disponibbiltà kontinwa taċ-ċertifikati tal-COVID-19, anke wara

⁹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa, (COM/2022/197 final)

l-iskadenza tar-Regolament (UE) 2021/953, jiġu ffaċilitati jekk l-Istati Membri jieħdu approċċ ikkoordinat, kif propost f'din il-proposta għal rakkomandazzjoni.

- **Sussidjarjetà**

Approċċ konsistenti rigward il-possibbiltà kontinwa li jinħarġu ċertifikati tal-COVID-19 meta jkun meħtieġ, ikun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini jew għar-residenti tal-Unjoni kif ukoll għall-operaturi tat-trasport. Is-sħubija fin-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO tipprovdi soluzzjoni komuni biex ikomplu jinħarġu ċ-ċertifikati tal-COVID-19. Il-parteċipazzjoni fin-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO tikkontribwixxi għall-allinjament globali tal-istandards taċ-ċertifikati tas-saħħa u għall-istabbiliment ta' sistema għar-rikonoxximent taċ-ċertifikati tas-saħħa diġitali għall-ivvjaġġar internazzjonali u l-kontinwità tal-kura.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tqis l-iskadenza imminenti tar-Regolament (UE) 2021/953 u l-ħtieġa konkorrenti li jiġi żgurat li ċ-ċittadini u r-residenti tal-UE li jivvjaġġaw barra mill-UE jibqa' jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom mezzi biex jagħtu prova tal-istatus tagħhom fir-rigward tal-COVID-19, kif ukoll li jikkontribwixxu għal approċċ ikkoordinat għaċ-ċertifikati li għadhom jinħarġu minn pajjiżi terzi f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti f'konformità ma' dak ir-Regolament. Għalhekk, il-proposta hija xierqa biex jintlaħqu l-oġġettivi maħsuba u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta tqis id-diskussjonijiet preċedenti mal-Istati Membri, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/953. Ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt għalkemm il-proposta tqis il-miżuri li qed jevolvu meħuda minn pajjiżi terzi fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-dħul fit-territorju tagħhom fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, u l-evidenza rilevanti kollha disponibbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt tal-protezzjoni ta' *data* personali, stabbilit fl-Artikolu 8.

4. **IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

L-ebda.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar is-sħubija fin-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali stabbilit mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u dwar arranġamenti temporanji biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar internazzjonali fid-dawl tal-iskadenza tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 168(6) u l-Artikolu 292 flimkien mal-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Iċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE introdott permezz tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ fi żmien qasir sar standard globali għaċ-ċertifikati tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan, b'51 pajjiż terz u territorju konnessi mas-sistema flimkien mas-27 Stat Membru. Permezz tad-dimensjoni esterna tiegħu, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE wera wkoll li huwa l-aktar soluzzjoni u għodda użata b'mod wiesa' għall-promozzjoni tal-ivvjaġġar internazzjonali sikur u tal-irkupru fuq livell globali. Minbarra l-ivvjaġġar, l-użu taċ-ċertifikati COVID diġitali ppromwova l-kontinwità tat-tilqim transfruntier.
- (2) Iċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kien ta' importanza kbira fis-salvagwardja tal-moviment liberu u tal-ivvjaġġar u t-teknoloġija sottostanti tiegħu tista' tkompli sservi bħala għodda, meħtieġa biex inkunu mħejjija aħjar għal kriżijiet tas-saħħa futuri possibbli, li tippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji jtaffu l-impatt tal-mard komunikabbli u jiżguraw tħejjija xierqa. Dan huwa wkoll konformi mar-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri¹¹.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2021/953 għandu jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2023.
- (4) L-organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) se tistabbilixxi network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali. In-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali huwa mekkaniżmu li jappoġġa l-verifika taċ-ċertifikati li jinħarġu mill-parteċipanti fin-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali. Inizjalment, dawn iċ-ċertifikati se jikkonċernaw ċertifikati tal-COVID-19, u jistgħu, fi stadju aktar tard, jinkludu wkoll ċertifikazzjoni ta' dokumenti oħra, bħal rekords ta'

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1).

¹¹ Rakkomandazzjoni 3 – Tħejjija tal-għodod rilevanti tal-UE għal kriżijiet futuri: [Rapport Speċjali 01/2023: "Għodod li jiffaċilitaw l-ivvjaġġar għewwa l-UE" \(europa.eu\)](#)

immunizzazzjoni ta' rutina u ċ-Ċertifikat Internazzjonali tat-Tilqim jew Profilassi għall-finijiet tal-ivvjaġġar internazzjonali u l-kontinwità tal-kura.

- (5) L-istabbiliment ta' sistemi biex jittaffa l-impatt tal-kriżijiet tas-saħħa globali fuq l-ivvjaġġar għaċ-ċittadini u n-negozji jenħtieġ li jitqies bħala element ewlieni tal-aġenda ta' tħejjija tal-UE. Il-parteċipazzjoni fin-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO tikkontribwixxi għall-allinjament globali tal-istandards taċ-ċertifikati tas-saħħa u għall-istabbiliment ta' sistema għar-rikonoxximent taċ-ċertifikati tas-saħħa diġitali għall-ivvjaġġar internazzjonali u l-kontinwità tal-kura.
- (6) In-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali li qed jiġi żviluppat mid-WHO jadotta l-qafas ta' fiduċja, il-prinċipji u t-teknoloġiji miftuħa taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE fl-ambitu tal-istruttura tiegħu stess. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jikkonnettjaw man-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO malajr kemm jista' jkun qabel it-30 ta' Settembru 2023, dment li dan jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953. Għal tranżizzjoni bla xkiel mis-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għan-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mistiedna joħorġu ċertifikati ġodda tal-firmatarji diġitali li jintużaw għall-ħruġ taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE qabel l-iskadenza tar-Regolament (UE) 2021/953 biex jiżguraw il-validità teknika massima tagħhom u jirreġistrawhom fil-Gateway tal-UE.
- (7) Il-Kummissjoni beħsiebha tiżgura tranżizzjoni bla xkiel għall-Istati Membri biex jissieħbu fin-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO, billi żżomm il-Gateway tal-UE sat-30 ta' Settembru 2023 b'mod li jappoġġa l-oġġettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni beħsiebha tiffinanzja l-Gateway tal-UE permezz tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹². Dan jenħtieġ li jippermetti lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi konnessi mal-Gateway tal-UE biżżejjed żmien biex jadottaw il-proċeduri meħtieġa biex jissieħbu man-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO.
- (8) Iċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-Unjoni li jivvjaġġaw barra mill-Unjoni jenħtieġ li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom mezz biex jagħtu prova tal-istatus tagħhom fir-rigward tal-COVID-19, kull meta dan jintalab speċifikament għall-ivvjaġġar barra mill-Unjoni. In-nuqqas ta' tali mezz ta' prova jista' jnaqqas ir-rieda u l-kapaċità tal-passiġġieri tal-Unjoni li jivvjaġġaw lejn ċerti destinazzjonijiet, u dan jista' jħalli impatt negattiv fuq il-forniment tas-servizzi tat-trasport. Barra minn hekk, kundizzjonijiet mhux ugwali għall-ħruġ ta' tali ċertifikati bejn l-Istati Membri jistgħu jaffettwaw il-kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi tat-trasport jekk l-ivvjaġġar internazzjonali minn ċerti Stati Membri jkun inqas ikkumplikat minħabba li ċ-ċertifikati tal-COVID-19 rilevanti jkunu faċilment aċċessibbli. Għalhekk, ladarba jkunu konnessi man-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mistiedna wkoll li, fuq talba, joħorġu ċertifikati fil-format kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fid-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE 2021/1073¹³, għall-finijiet tal-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar

¹² Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċizzjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

¹³ Id-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073 tat-28 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u regoli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' fiduċja għaċ-

internazzjonali bi kwalunkwe mezz ta' trasport lejn pajjiżi terzi li jeħtieġu tali ċertifikati. Minbarra li jiffaċilita l-ivvjaġġar internazzjonali, dan il-ħruġ ta' ċertifikati jista' jikkontribwixxi għall-allinjament globali tal-istandards taċ-ċertifikati tas-saħħa u għall-istabbiliment ta' sistema għar-rikonnoxximent taċ-ċertifikati tas-saħħa diġitali għall-ivvjaġġar internazzjonali u l-kontinwità tal-kura.

- (9) Jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu tali ċertifikati, inkluż matul il-perjodu tranżitorju, f'format diġitali jew stampat, jew fit-tnejn li huma. Id-detenturi prospettivi jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jirċievu ċ-ċertifikati fil-format tal-għażla tagħhom. L-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikati jenħtieġ li tintwera wkoll f'forma li tinqara mill-bniedem u li tkun ipprovduta, tal-anqas, bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru emittenti u bl-Ingliż.
- (10) L-adozzjoni taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE min-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO jenħtieġ li tippermetti lill-pajjiżi terzi li għad għandhom fis-seħħ rekwiżiti relatati mal-COVID-19 bħala kundizzjonijiet għaddħul fit-territorji tagħhom, u li huma konnessi mal-gateway tal-interoperabbiltà tal-qafas ta' fiduċja stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/953 (il-“Gateway tal-UE”), jaċċettaw u jivverifikaw ċertifikati maħruġa kemm qabel kif ukoll wara l-1 ta' Lulju 2023.
- (11) Is-sitwazzjonijiet fejn ċittadin jew resident tal-Unjoni jintalab juri ċertifikat tal-COVID-19 minn pajjiż terz u ma jistax faċilment jipprovdi wieħed minħabba li s-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ma tkunx funzjonali, jenħtieġ li jiġu evitati, peress li dan jirrappreżenta limitazzjoni għall-ivvjaġġar internazzjonali bi kwalunkwe mezz ta' trasport.
- (12) Mill-perspettiva tal-vjaġġaturi lejn l-Unjoni, peress li ma tistax tiġi eskluża l-possibbiltà li jerġgħu jibdwu jiżdiedu l-każijiet tal-COVID-19 jew li sseħħ tifqigħa ta' xi marda oħra fi kwalunkwe parti tad-dinja, Stat Membru wieħed jew aktar fil-futur jistgħu jintroduċu miżuri ġodda tas-saħħa pubblika li jillimitaw id-dħul fit-territorju tagħhom ta' persuni li jivvjaġġaw minn pajjiżi terzi. Filwaqt li r-restrizzjonijiet ta' dan it-tip jenħtieġ li jiġu applikati f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni, dawn jistgħu jkunu ġġustifikati għal raġunijiet ta' interess pubbliku, jiġifieri s-salvagwardja tas-saħħa pubblika. Sabiex jiġi żgurat li tali tħassib dwar is-saħħa pubblika jkun jista' jiġi indirizzat b'mod adegwat, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jibqgħu jaċċettaw u jivverifikaw ċertifikati maħruġa minn pajjiżi terzi f'konformità mal-istandards għoljin attwalment stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/953. Meta l-Istati Membri jirrikjedu prova tat-tilqim, tat-testijiet jew tal-fejqan fir-rigward tal-COVID-19 sabiex ir-restrizzjonijiet ma jiġux applikati fuq l-ivvjaġġar lejn l-Unjoni, jenħtieġ li jaċċettaw provi tat-tilqim, tal-irkupru jew tal-ittestjar fir-rigward tal-COVID-19 li qabel kienu koperti minn att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 3(10) jew l-Artikolu 8(2) tar-Regolamenti (UE) 2021/953, f'konformità mal-approċċ stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2548¹⁴.

Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 230, 30.6.2021, p. 32).

¹⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2548 tat-13 ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat għall-ivvjaġġar lejn l-Unjoni matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 146).

- (13) Peress li l-ħruġ ta' ċertifikati interoperabbli xierqa jista' jikkontribwixxi għall-iffaċilitar tal-ivvjaġġar internazzjonali lejn ċerti pajjiżi terzi bi kwalunkwe mezz ta' trasport, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mistiedna jiżguraw, inkluż matul il-perjodu tranżitorju, li l-operaturi tas-servizzi tat-trasport transfruntier tal-passiġġieri li jkunu meħtieġa jimplimentaw miżuri tas-saħħa pubblika relatati mal-COVID-19 jintegraw il-verifika ta' tali ċertifikati fl-operat ta' infrastrutturi tat-trasport transfruntier, bħall-ajruporti, il-portijiet u l-istazzjonijiet ferrovjarji u tal-karozzi tal-linja, fejn xieraq.
- (14) Il-Kunsill appella lill-Kummissjoni biex "tesplora l-valur miżjud ta' verzjoni diġitali ta' ċertifikati tat-tilqim, filwaqt li tqis l-esperjenzi ta' infrastrutturi diġitali Ewropej u għodod eżistenti oħra, bħaċ-Ċertifikat Internazzjonali tat-Tilqim jew Profilassi"¹⁵. Żviluppi simili huma ppjanati mid-WHO, li beħsiebha tkompli tiżviluppa n-network globali ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO, sabiex, pereżempju, tappoġġa d-diġitalizzazzjoni ta' Ċertifikat Internazzjonali tat-Tilqim u Profilassi, jew ta' ċertifikati tat-tilqim għall-immunizzazzjoni ta' rutina. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mistiedna jipparteċipaw b'mod attiv fl-isforz biex in-network jiġi żviluppat aktar, kif ukoll biex joħroġu, jaċċettaw u jivverifikaw tipi oħra ta' ċertifikati tat-tilqim jew *data* dwar is-saħħa, skont ma jkun rilevanti.
- (15) Matul perjodu tranżitorju sat-30 ta' Settembru 2023, u sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għan-network globali ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO, l-Istati Membri li għadhom ma kkonnettjawx man-network globali ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO jenħtieġ li jkomplu joħroġu, fuq talba, ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan fil-format kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073¹⁶. Barra minn hekk, matul dan il-perjodu tranżitorju, meta l-Istati Membri jirrikjedu prova tat-tilqim, tat-testijiet jew tal-fejqan fir-rigward tal-COVID-19 sabiex ir-restrizzjonijiet ma jiġux applikati fuq l-ivvjaġġar lejn l-Unjoni, jenħtieġ li jaċċettaw provi tat-tilqim, tal-irkupru jew tal-ittestjar fir-rigward tal-COVID-19 li qabel kienu koperti minn att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 3(10) jew l-Artikolu 8(2) tar-Regolamenti (UE) 2021/953, f'konformità mal-approċċ stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2548¹⁷.
- (16) Matul l-istess perjodu, l-Istati Membri li għadhom ma kkonnettjawx man-network globali ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO jenħtieġ li jibqgħu konnessi wkoll mal-Gateway tal-UE, sakemm tali portal ikun qed jinżamm mill-Kummissjoni. Dawk l-Istati Membri li diġà kkonnettjaw man-network globali ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO jenħtieġ li jissinkronizzaw l-informazzjoni li jtellgħu fin-network globali ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO mal-Gateway tal-UE.
- (17) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu effett lil din ir-Rakkomandazzjoni mill-1 ta' Lulju, li huwa l-jum wara l-iskadenza tar-Regolament (UE) 2021/953, sabiex jiġi evitat

¹⁵ Konklużjonijiet dwar it-tilqim bħala waħda mill-aktar għodod effettivi għall-prevenzjoni tal-mard u t-titjib tas-saħħa pubblika (2022/C 484/05) (ĠU C 484, 20.12.2022, p. 18)

¹⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073 tat-28 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u regoli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 230, 30.6.2021, p. 32).

¹⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2548 tat-13 ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat għall-ivvjaġġar lejn l-Unjoni matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 146).

kwalunkwe tfixkil possibbli, speċjalment fir-rigward tal-ivvjaġġar internazzjonali lejn pajjiżi terzi li għadhom jeħtieġu ċertifikati tal-COVID. B'mod speċifiku fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikat ġdid ta' firmatarju diġitali, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu dan biss waqt li r-Regolament (UE) 2021/953 ikun għadu fis-seħħ. Għalhekk huma mistiedna jagħtu dan iċ-ċertifikat il-validità teknika massima possibbli u jirreġistrawh fil-Gateway tal-UE qabel l-iskadenza tar-Regolament (UE) 2021/953 fit-30 ta' Ġunju 2023.

- (18) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸ japplika għall-ipproċessar ta' *data* personali mwettaq meta jiġi implimentat dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw f'kull ħin li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni dwar id-*data* personali.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Konnessjoni man-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO

1. Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonnettjaw man-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali li qed jiġi stabbilit mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), dment li dan jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953. L-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli qabel it-30 ta' Settembru 2023.
2. Jenħtieġ li kull Stat Membru joħroġ ċertifikat ġdid ta' firmatarju diġitali bil-validità teknika massima possibbli u jirreġistrah fil-Gateway tal-UE qabel l-iskadenza tar-Regolament (UE) 2021/953.
3. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiffaċilita tranżizzjoni bla xkiel mis-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għan-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO.

Il-ħruġ u l-aċċettazzjoni ta' ċertifikati skont in-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO

4. Ladarba jkun konnessi man-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO, jenħtieġ li l-Istati Membri:
 - (a) joħorġu, fuq talba, ċertifikati tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa fir-rigward tal-COVID-19 fil-format kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073;
 - (b) joħorġu ċ-ċertifikati msemija fl-ittra a) f'format diġitali jew stampat, jew fit-tnejn li huma. Id-detenturi prospettivi jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jirċievu ċ-ċertifikati fil-format tal-għażla tagħhom. L-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikati jenħtieġ li tintwera wkoll f'forma li tinqara mill-bniedem u li tkun ipprovduta, tal-anqas, bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru emittenti u bl-Ingliż.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

- (c) meta jirrikjedu prova tat-tilqim, tat-testijiet jew tal-fejqan fir-rigward tal-COVID-19 sabiex ir-restrizzjonijiet ma jiġux applikati, u biex jaċċettaw provi tat-tilqim, tal-irkupru jew tal-ittestjar fir-rigward tal-COVID-19 li qabel kienu koperti minn att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 3(10) jew l-Artikolu 8(2) tar-Regolamenti (UE) 2021/953, f'konformità mar-regoli maħruġa f'konformità ma' dak ir-Regolament;
- (d) jiżguraw li l-operaturi tas-servizzi tat-trasport transfruntier tal-passiġġieri jintegraw il-verifika taċ-ċertifikati msemmija fl-ittra a) fl-operat tal-infrastrutturi tat-trasport transfruntier bħall-ajruporti, il-portijiet u l-istazzjonijiet ferrovjarji u tal-karozzi tal-linja, fejn xieraq.

L-evoluzzjoni ulterjuri tan-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO

5. L-Istati Membri huma mħeġġa jipparteċipaw b'mod attiv fl-isforz biex in-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO jiġi żviluppat aktar, inkluż fir-rigward taċ-ċertifikati għal mard ieħor u l-awtentikazzjoni ta' *data* oħra dwar is-saħħa.

Perjodu tranżitorju sat-30 ta' Settembru 2023

6. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li żżomm il-Gateway tal-UE għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE b'mod li jappoġġa l-oġġettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni sat-30 ta' Settembru 2023, billi tagħmlu disponibbli għal pajjiżi terzi u territorji li ġew konnessi wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 3(10) jew l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953, dment li ċ-ċertifikati rilevanti ta' daww il-pajjiżi terzi u territorji jkomplu jinħarġu f'konformità mal-istandards u s-sistemi teknoloġiċi li huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja tal-Gateway tal-UE u li jippermettu l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità tagħhom.
7. Sakemm l-Istati Membri jkunu konnessi man-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO msemmi fil-punt 1 u fil-perjodu sat-30 ta' Settembru 2023, dawn jenħtieġ li:
 - (a) jibqgħu konnessi mal-Gateway tal-UE, sakemm tali gateway ikun qed jinżamm mill-Kummissjoni;
 - (b) ikomplu joħorġu, fuq talba, ċertifikati tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan fir-rigward tal-COVID-19 fil-format kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073¹⁹;
 - (c) joħorġu ċ-ċertifikati msemmija fl-ittra b) f'format diġitali jew stampat, jew fit-tnejn li huma. Id-detenturi prospettivi jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jirċievu ċ-ċertifikati fil-format tal-għażla tagħhom. L-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikati jenħtieġ li tintwera wkoll f'forma li tinqara mill-bniedem u li tkun ipprovduta, tal-anqas, bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru emittenti u bl-Ingliż;

¹⁹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073 tat-28 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u regoli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 230, 30.6.2021, p. 32).

- (d) meta jirrikjedu prova tat-tilqim, tat-testijiet jew tal-fejqan fir-rigward tal-COVID-19 sabiex ir-restrizzjonijiet ma jìgux applikati, u biex jaċċettaw provi tat-tilqim, tal-irkupru jew tal-ittestjar fir-rigward tal-COVID-19 li qabel kienu koperti minn att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 3(10) jew l-Artikolu 8(2) tar-Regolamenti (UE) 2021/953, f'konformità mar-regoli maħruġa f'konformità ma' dak ir-Regolament;
 - (e) jiżguraw li l-operaturi tas-servizzi tat-trasport transfruntier tal-passiġġieri jintegraw il-verifika taċ-ċertifikati msemmija fl-ittra b) fl-operat tal-infrastrutturi tat-trasport transfruntier bħall-ajruporti, il-portijiet u l-istazzjonijiet ferrovjarji u tal-karozzi tal-linja, fejn xieraq.
8. L-Istati Membri konnessi man-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO jenħtieġ li jiżguraw ukoll, sat-30 ta' Settembru 2023, is-sinkronizzazzjoni tal-informazzjoni li jtellgħu fil-Gateway tal-UE u fin-network globali taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa diġitali tad-WHO.
9. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu effett lil din ir-Rakkomandazzjoni mill-1 ta' Lulju 2023 bl-eċċezzjoni tal-punt 2, li lili jenħtieġ li jingħata effett qabel it-30 ta' Ġunju 2023.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*